TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 98/13/GB

Joseph u Monica Attard

vs

Noel Gauci – Euromed Eco Power Company Ltd.

Illum 31 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-29 ta' April, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf tliet mija sitta u disghin Ewro (€1,396.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal banju li xtraw minghand is-socjeta' ntimata, il-bieba ta' liema banju hargilha s-sadid.

Is-socjeta' intimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw banju accessibbli ghal persuni b'dizabilita' minghand is-socjeta' ntimata ghall-prezz ta' elf tliet mija sitta u disghin Ewro (€1,396.00), b'garanzija ta' sentejn. Wara sena u ftit beda hiereg is-sadid madwar il-bieba. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kienu cemplu lis-socjeta' ntimata fejn gew informati illi s-socjeta' ntimata kienet ser tikkuntattja lill-kumpanija minn fejn kienet xtratha. Wara hafna xhur jistennew, is-socjeta' ntimata baqghet ma rrangat xejn.

Ir-rikorrenti qed jitolbu li tinbidel il-bieba bil-frame ta' madwarha, jew li jinbidel il-banju, jew li jinghataw lura l-flus li hallsu.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21220000

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta is-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew sett ta' erbgha (4) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.MA1; flimkien ma' kopja tar-ricevuta u l-garanzija, li gew immarkati bhala Dok.MA2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. Wara li sema' l-provi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata tbiddel il-bieba tal-banju in kwistjoni flimkien mal-frame ta' madwarha a spejjez taghha, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**